**Naf li qed tismagħni**

Qomt wara lejl mistrieħ fil-fond, fil-paċi
Għax il-kuxjenza tiegħi ma ttaqqalnix,
Imma meta ftaħt għajnejja ħassejtek
Hekk fil-bogħod u dan lili ma għoġobnix.

U fis-skiet tad-dalma tal-għodwa jiena
Għajjatlek bil-mod biex ma nqajjem lil ħadd:
"Mà, qomt għal jum ieħor, naf li int miegħi
U l-kbir Alla tani b'ħuti lil kulħadd".

Tassew għaliex ma nafx minfejn inqalgħu
Dan-nies kollha li wrewni qalb hekk kbira,
Żgur li l-Ispirtu t'Alla ħadem fihom
X'ma nħobbx lill-grazzja t'Alla li nammira.

Hekk illum, f'dil-festa Ommna Marija
Qalet IWA lill-anġlu għall-missjoni,
Hekk int għażiża ommi qed tħeġġiġni
Biex nissokta dit-triq b'sottomissjoni.

Lejn il-pjan qaddis u feddej tal-Missier
Li ħdejh inti qiegħdha fis-sebħ tas-smewwiet,
Ħa tiġi fuqna lkoll il-kbira grazzja
Li nduru lejh bil-qawwa, aħna l-irmied.

Niżik ħajr ommi l-għażiża, hawn ħdejja
L-għemejjel tiegħek jien nibqa' ngħożż u nħobb,
Għax bħall-inbid li jgħaddi ż-żmien minn fuqu
Kemm jitjiebu għax għal Alla l-qalb li tgħodd.

U għalkemm f'qalbi tinstab wisq maqsuma
Kemm inħossni ħieni għax qed tarani,
U bil-ferħ dalgħodu jien sbaħt inkellmek
Inħossni mfarraġ ... naf li qed tismagħni...

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.